MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Numru 1070/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**
**vs**

**JAMES SMITH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom James Smith ta’ 36 sena mwieled 20/07/1973 Pieta bin John Norbert u Helen nee Borg u residenti f no 51 Marie Anne flat no 1 Triq il-Villegjatura St Paul’s Bay detentur tal-karta tal-identita numru ID 318173M.

Billi gie akkuzat talli, f’dawn il-gzejjer, fit-3 ta’ Awissu 2009 f’San Pawl il-Bahar f’xi hin bejn is-sitta ta filghodu u t-

tmienja ta filghodu b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta tharis ta regolamenti ikkaguna debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta xi parti tal-gisem, jew gab difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem ta' Filomeno Calleja skond ma certifikah Dr Jonathan Joslin MD Reg no 1920 tal-isptar Mater Dei.

U aktar talli fl'istess jum, hin, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl'arti jew professjoni tieghu ikkaguna hsara fil-vetturi bin-numru tar-registrazzjoni HAL 625 u JVM 001 ghad-dannu ta terzi persuni liema hsarat ma jammontawx ghal aktar minn 2330 euros.

U aktar talli fl'istess jum, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBP 347 saq b'manjiera negligenti.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 226(1)(a) u 328(b) tal-Kap. 9 u l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat James Smith fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat James Smith ghall-piena

komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u mija u sbatax il-Ewro (Ewro 117) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhix tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat James Smith jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti a tenur tal-artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta tiskwalifika lill-imputat James Smith milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien hmistax (15) il-gurnata millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat James Smith l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------